**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping GmbH għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.*

---

([1]) ĠU C 59, 15.2.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2017 – Crédit mutuel Arkéa vs BĊE**

**(Kawża T-712/15)** ([1])

***[“Politika ekonomika u monetarja — Superviżjoni prudenzjali tal-istabbilimenti ta' kreditu — Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 — Superviżjoni prudenzjali fuq bażi kkonsolidata — Grupp taħt superviżjoni prudenzjali — Stabbilimenti affiljati b'mod permanenti ma' organu ċentrali — Artikolu 2(21)(c) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 — Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 — Rekwiżiti ta' fondi proprji — Artikolu 16(1)(c) u (2)(a) tar-Regolament Nru 1024/2013”]***

(2018/C 042/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Crédit mutuel Arkéa (Le Relecq Kerhuon, Franza) (rappreżentanti: H. Savoie u P. Mele, avukati)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: K. Lackhoff, R. Bax u C. Olivier, aġenti, assistiti minn D. Martin, M. Pittie u M. Françon, avukati)

*Intervenjenti insostenn tal-kovenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci u K.-P. Wojcik, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-BĊE ECB/SSM/2015 – 9695000CG 7B84NLR5984/28 tal-5 ta' Ottubru 2015 li tistabbilixxi r-rekwiżiti prudenzjali applikabbli għall-grupp Crédit mutuel.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Crédit mutuel Arkéa għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).*

3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

([1]) ĠU C 59, 15.2.2016.